kummissjoni djoċesana żgħażagħ

# Stqarrija għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 12/09/08 |
| **Ref:** | KDŻ 08/08 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċità li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## L-Arċisqof f'laqgħa maż-żgħażagħ li għamlu volontarjat

Illejla, 12 ta' Settembru Mons. Arċisqof ser jiltaqa' ma' numru kbir ta' żgħażagħ li għamlu ħidma volontarja matul din is-sena, kemm f'Malta u kif ukoll barra minn xtutna. Din l-attivita` ġiet ikkummissjonata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) u koordinata minn żewġ gruppi: SPYS (Salesian Pastoral and Youth Service) u ĊAM Youths (Ċentru Animazzjoni Missjuarja Żgħażagħ). Fost iż-żgħażagħ preżenti ser ikun hemm żgħażagħ li għamlu ħidma volontarja fl-Etjopja, l-Italja, l-Albanija, il-Guatemala, l-Indja, il-Kenya u l-Peru` fost ħafna pajjiżi oħra.

Laqgħa oħra simili saret fit-12 ta' Mejju ta' din is-sena fejn l-Arċisqof iltaqa' ma' dawn iż-żgħażagħ biex jinkoraġġihom għall-esperjenzi li huma ser jagħmlu matul ix-xhur tas-sajf. It-tema tal-laqgħa tal-lejla ser tkun "Ħenjin intom...". Fiha ser ikun hemm esperjenzi min-naħa taż-żgħażagħ, diskussjoni fi gruppi, diskors minn Mons. Arċisqof u mużika mill-*band* Footprints fost ħwejjeġ oħra.

Il-laqgħa ser tibda fis-19.30 u ser issir fiċ-Ċentru Pastorali Sgħajtar, Naxxar.

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ